II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Irtirar ta' notifika ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8907 — Aperam/VDM)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 9/01)

(Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004)

Fit-23 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aperam S.A. ("Aperam", il-Lussemburgu); kif ukoll

— VDM Metals Holding GmbH ("VDM", il-Ġermanja).

Aperam takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll ta' VDM kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

Fid-29 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet li tibda proċeduri taħt l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Fil-21 ta' Diċembru 2018, il-parti(jiet) li nnotifikat infurmat lill-Kummissjoni Ewropea li hi rtirat in-notifika tagħha u wriet li hi abbandunat il-konċentrazzjoni.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Il-Każ M.9087 — Mondi Štětí/Holzindustrie Maresch/Eco-Investment/Labe Wood)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 9/02)

Fid-29 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bil-Ġermaniż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

— fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,

— f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt) fid-dokument li jġib in-numru 32018M9087. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.